MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 1129/2013

**Innocenza *sive* Lucienne Falzon**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' Innocenza *sive* Lucienne Falzon (ID 119069M) datat 26 ta' Novembru 2013, fejn esponiet:-

Illi nhar il-5 ta' Marzu 1969 twieldet l-esponenti u nghatat l-isem ta' Innocenza;

Illi l-esponenti dejjem sejhulha bl-isem ta' Lucienne matul hajjitha u qatt ma ssejhet bl-isem ta' Innocenza;

Illi l-esponenti anki tiffirma bhala 'Lucienne' bhalma jidher fuq il-passaport;

Illi l-esponenti tixtieq li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha b'mod illi minflok l-intestatura 'Innocenza' taht il-parti "Ismijiet tat-tarbija" titnizzel l-intestatura 'Lucienne';

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkoregi l-att tat-twelid tal-esponenti b' mod illi minflok l-intestatura 'Innocenza' taht il-parti "ismijiet ta' tarbija titnizzel l-intestatura "Lucienne" fis-sens li r-rikorrenti kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem Lucienne u mhux Innocenza, u dan abbazi tal-Artikolu 253 (2) Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-30 ta' Jannar 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku datata 24 ta' Jannar 2014 (fol 15) fejn espona :-

1 Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2 Illi minghajr hsara ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tispecifika taht liema artikolu tal-ligi qieghda isejjes l-azzjoni taghha halli b'hekk l-esponent jkun f'qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb. Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrenti tindika taht liema dispozizzjonijiet tal-ligi huwa qieghda torbot l-proceduri istanti;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti u mill-att tal-twelid li jgib in-numru ta' registrazzjoni 1190 tas-sena 1969 (anness u mmarkat bhala Dok A) li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni li jista' jkun attribwit lill-esponent. Di fatti d-dikjarazzjoni fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti saret minn missier ir-rikorrenti stess u cioe` minn Peter Azzopardi, fejn iddikjarat li d-dettalji mnizzla fuq l-istess att huma korretti, inkluzi l-ismijiet moghtija lir-rikorrent mill-genituri tieghu stess;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ghaldaqstant id-dikjarazzjoni li fic-cirkostanzi odjerni tista' tinghata minn din l-Onorabbli Qorti ghandha diversament minn dak indikat mir-rikorrenti tkun fis-sens li r-rikorrenti kienet konsistentament imsejha u maghrufa bl-isem

'Lucienne' u mhux "Innocenza" u dan abbazi ta' l-Artikolu 253 (2) tal-Kap. 15 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponenti filwaqt li jaghmel referenza ghall-Artikolu 253 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrileva, li sabiex imbaghad l-azzjoni tar-rikorrenti tkun tista' tirnexxi taht l-istess Artikolu 253(2) ir-rikorrenti trid tipprova li kienet konsistentament imsejha bl-isem ta' 'Lucienne' fil-hajja civili taghha permezz ta' provi bhal certifikati pubblici jew affidavits ta' persuni li setghu jixhdu li jafuha b'dak l-isem;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba kif postulata mir-rikorrenti hija insostenibbli, u ghalhekk din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' ghas-segwenti ragunijiet:

a. Illi r-rikorrenti naqset milli titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li hi kienet konsistentement maghrufa fil-hajja civili taghha bhala 'Lucienne' minflok 'Innocenza' hekk kif jitlob l-Artikolu 253 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Illi *inoltre* fit-talba taghha r-rikorrenti ma talbitx sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba fuq l-att tat-twelid relattiv. Huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa vestit bis-setgha li jirregistra jew isewwi Atti ta' l-Istatus Civili *a tenur* ta' l-Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba kif postulata mir-rikorrent ma titlob l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi ghalhekk li t-talba f'dan ir-rigward kellha ssir fis-sens li din "l-Onorobbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel it-tiswija rikjesta fl-att tat-twelid tar-rikorrenti";

c. Illi kull talba ghal tiswija ta' registrazzjoni ghandha tinkludi ukoll talba sabiex il-bdil effetwat fl-att tat-twelid jigi rifless f'kull att ta' l-istat Civili relattiv ghall-istess persuna u, fejn ikun hemm, ghal ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna; liema atti jridu jigu indikati fit-talba bin-numru ta' l-att u s-sena relattivi taghhom u dan *a tenur* tal-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talba u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

8. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta’ Jannar 2014 fejn Dr Matthew Brincat talab li ssir korrezzjoni fir-rikors guramentat fis-sens li wara l-isem “Lucienne” li hija l-ahhar kelma fit-talba a fol 2 tal-process, jizdiedu l-kliem “fis-sens li r-rikorrenti kienet konsistentement imsejha u maghrufa

bl-isem Lucienne u mhux Innocenza u dan abbazi tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta”. Din it-talba mhix opposta. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni tar-rikors kif mitlub. Dr. Cardona ta ruhu b’ notifikat fl-atti kif korretti. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tar-rikorrenti ghall-11 ta’ Marzu 2014; u rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta’ Marzu 2014 u tal-20 ta’ Mejju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Maurizio Cordina kif ukoll r-rikorrenti assistita minn Dr. Matthew Brincat li pprezenta nota bi tliet affidavits b’ kopja lid-difensuri tal-kontro parti *seduta stante*. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m’ ghandhomx provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-10 ta’ Lulju 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attrici qed taghmel din il-kawza sabiex jigi korrett l-att tat-twelid taghha sabiex l-isem "*Innocenza"* hemm registrat bhala isimha jigi korrett u sostitwit bl-isem "*Lucienne"* u dan peress li kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem Lucienne u dan abbazi tal-Artikolu 253 (2) Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall- korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat ċivili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-6 ta' Dicembru 2013 (fol 14) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi t-tieni, u r-raba' eccezzjonijiet, u l-eccezzjoni 6(a) tal-intimat huma wkoll sorvolati bil-korrezzjoni tat-talba attrici awtorizzata b'Digriet tat-30 ta' Jannar 2014 u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

Illi fil-mertu l-attrici ghandha tipprova ghas-soddisfazzjon tal-Qorti li kienet u hija maghrufa konsistentement bl-isem *Lucienne.* Ghal dan il-ghan esebiet kopji tal-karta tal-Identita` taghha u kopja tal-European Health Insurance Card fejn hija registrata bl-isem *Innocenza k/a Lucienne*. Il-Qorti tinnota wkoll li hi ffirmat bhala *Lucienne* fuq il-Karta tal-Identita' taghha.

*Inoltre* l-attrici xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat bil-gurament li dejjem kienet msejha bl-isem "*Lucienne"* u dejjem hekk iffirmat. Zewgha Robert Falzon stqarr li sar jaf li jsimha kien ufficjalment "*Innocenza"* meta gew biex jizzewgu ghaliex hu dejjem gharafha bl-isem "*Lucienne".* L-istess gie kkonfermat minn huha Antoine Azzopardi li qal li dejjem jafha bhala "*Lucienne"* sa minn tfulithom. Hija hekk maghrufa fil-familja u hadd ma jafha b'isem iehor.

Illi fid-dawl ta' dawn l-affidavits u tad-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici irnexxielha tipprova li hija konsistentement kienet maghrufa sa minn tfulitha bl-isem "*Lucienne"* u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Illi izda taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, esebit mill-istess intimat, u ffirmat minn missier l-attrici. Ghalhekk taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza.

Illi l-intimat eccepixxa wkoll li r-rikorrenti ma ghamlitx talba sabiex din il-Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba fl-att tat-twelid relattiv. F'dan ghandu ragun ghaliex it-talba hija fis-sens li "*din l-Onorabbli Qorti joghogbha tikkoregi l-att tat-twelid tal-esponenti...".*

Illi l-Qorti ghandha l-obbligu li tevita fejn hu possibbli, l-proliferazzjoni ta' kawzi u spejjez bla bzonn ghall-partijiet u fil-kaz in ezami, jirrizulta kemm mill-premessi, kif ukoll mit-talba attrici, li hi qed tinvoka l-artikolu 253(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-att tat-twelid taghha jigi korrett. Huwa car minn din id-dispozizzjoni u dawk sussegwenti, li din il-Qorti ghandha tordna li ssir il-korrezzjoni mitluba fejn din tirrizulta gustifikata skont il-Ligi.

Ikkonsidrat li l-ommissjoni ta' talba *ad hoc* sabiex l-ordni ssir lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ggibx in-nullita' jew l-irritwalita' tal-att u, fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar recenti, il-Qorti ghandha, fejn tista', ssewwi zbalji f'atti gudizzjarji jew timxi per ekwipollenza.

Hija evidenti li l-Qorti meta tilqa' t-talba attrici fis-sens li tiddikjara li hija kienet konsistentement maghrufa bl-isem *Lucienne* ghandha tipprocedi biexvtaghti l-ordni lill-intimatli jaghmel il-korrezzjoni mehtiega.B'hekk din l-eccezzjoni hija wkoll indirizzata u sorvolata.

Riferibbilment ghall-eccezzjoni 6(c) tal-intimat, huwa minnu li t-talba odjerna ma tinkludix talba sabiex "*il-bdil effettwat fl-att tat-twelid jigi rifless f'kull att civili relattiv ghall-istess persuna...*". Il-kliem uzat fl-artikolu **253(3) tal-Kap.16** huma fis-sens li kull talba "*ghandha tinkludi wkoll talba...*". Il-Qorti tifhem li l-intimat jista' jagixxi biss fuq ordni ta' din il-Qorti f'dan is-sens u minghajr tali ordni ma jista' jsir xejn. Tifhem ukoll li ghandu jkun hemm konsistenza bejn l-atti ta' stat civili li jirrigwardaw l-istess persuna u jekk ma jsirux korrezzjonijiet fl-atti kollha relattivi, tista' tirrizulta inkonsistenza, ghalkemm, forsi, fid-dawl ta' dak kollu possibbli permezz tal-informatika, tali diffikolta` mhix insormontabbli amministrattivament.

Ikkonsidrat li l-ommissjoni ta' din it-talba *a tenur* tal-artikolu 253(3) tal-Kap.16 wkoll ma twassalx ghan-nullita` jew irritwalita` tat-talba odjerna izda din il-Qorti ma tistax tmur *oltre* dak mitlub u tindirizza din l-omissjoni billi t-talba attrici, kif korretta, taghmel referenza biss ghall-artikolu **253(2)** tal-Kap.16.

Fid-dawl tal-premess izdfa il-Qorti jidhrilha li ghandha tilqa' t-talbiet attrici fis-sens spjegat billi huma gustifikati

Għaldaqstant, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat fis-sentenza u tiddisponi mit-talba attrici fis-sens li **tilqa'** l-istess u tiddikjara li hija kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem "Lucienne" u mhux "Innocenza"  u kwindi tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tal-esponenti (**DOK A**) b' mod illi minflok l-intestatura *'Innocenza'* taht il-parti "ismijiet ta' tarbija' titnizzel l-intestatura *"Lucienne*" u dan abbazi tal-**Artikolu 253(2) Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Tirriserva lill-attrici kull azzjoni sabiex titlob ordni ghall-korrezzjoni ta' atti ta' l-istat civili ohra li jirrigwardawha.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------